# 76. Lill-Ferħ

Ja Ferħ,
jien xegħilt il-lampa,
frixt it-tapiti,
poġġejt fjuri fewwieħa fil-vażuni,
u ftaħt il-bieb,
qgħadt ħdejn il-għatba
biex meta tkun għaddej int tidħol għandi.

Għaddejt
kiltek b'għajnejja,
għannejtlek għanja,
iżd'inti bqajt għaddej,
mhux darba u tnej,
'mma d-drabi kollha,
berraqtli
u bżaqt għal qalbi
daqs kieku kienet l-aqwa prostituta.

Għaddejt ukoll mingħajrek;
fis-skiet ta' dari,
fil-qilla tal-ħajja
jien fraħt bil-ferħ tas-sabar,
tax-xogħol, tas-sagrifiċċju!

1/2/1973